**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 87**

**Data: 13 ta' Marzu, 2019**

**Hin: 11.39am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

87.1 Offerta' Numru GRB/02/19 – *Resurfacing of Street in Gharb with Hot Rolled Asphalt*;

87.2 Offerta' Numru GRB/03/2019 - *Provision and installation of 3d scanner*;

87.3 Attivita' 'Fly to Smile'.

---

**87.1 Offerta' Numru GRB/02/19 – *Resurfacing of Street in Gharb with Hot Rolled Asphalt***

87.1.1 Is-Sindku spjega li l-laqgha giet imsejha b'urgenza minhabba l-offerti'. Gie spjegat li bhala offerta tar-Resurfacing kien hemm offerta' wahda biss fejn il-Board kien approva l-offerta'. Gie innotat li fil-prezent il-Kunsill kellu offerta' fuq it-toroq fejn il-kuntrattur ghandu jispicca x-xogholijiet fuq Triq il-Madonna tal-Virtut, Triq San Pietru u Triq Tumas Cassar. Wara li jintemmu dawn ix-xogholijiet il-Kunsill ikollu diga offerta' lesta ghal

xogholijiet ohra fil-lokalita'. Emanuel Muscat staqsa jekk il-parti li ghad baqa' ta' Triq Birbuba hiex ser issir fejn is-Sindku spjega li din il-parti hija ppjanata li ssir mall-partijiet ohra ppjanati.

87.1.2 Emanuel Muscat staqsa x'hemm toroq ippjanati minn issa 'il quddiem bil-kuntratt il-gdid. Gie spjegat li hekk kif il-kuntrattur prezenti jiffinalizza x-xogholijiet, xogholijiet godda jkunu jistghu jsiru bil-kuntratt il-gdid. Gie spjegat li l-ammont ta' l-offerta' tal-kuntratt prezenti gie maqbuz u ghaldaqstant il-Kunsill irid jimxi bil-kuntratt il-gdid.

**87.2 Offerta' Numru GRB/03/2019 - *Provision and installation of 3d scanner***

87.2.1 Is-Sindku spjega li l-unika offerta' li kien hemm kienet taqbez il-Budget u ghaldaqstant il-Board kien qed jirrifjuta l-offerta'. Is-Sindku spjega li kien gie ikkuntatjat id-direttur sabiex tinhareg approvazzjoni min-naha tad-Dipartiment biex dan l-appart ikun jista' jinxtara b'direct order mill-Austria. Gie innotat ukoll li l-offerta' mitfugha kienet ghall-appart li gej mic-Cina fejn apparti l-prezz bhala garanziji u kundizzjonijiet ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' appart li gej mill-Austria. Apparti minnhekk jidher li jekk l-apparat jinxtara mill-Austria dawn lesti li joffru servizz ta' training u stampar ta' oggetti 3d lill-Creativity Hub. Dan jista' jkun ta' ghajnuna sabiex lic-Centru jgibu self-sufficient. Il-Kunsill iddiskuta' din l-offerta' u qabel li ghandu jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment u f'kaz tinxtara b'Direct Order.

11.45am Anthony Camilleri dahal fil-kamra f'11.45am.

**87.3 Attivita' 'Fly to Smile'**

87.3.1 Is-Sindku qal li rridu niddeciedu l-program. Huwa spjega li kif jidher hemm domanda positiva ghal dan il-festival. Min-naha tieghu s-Sindku ssugerixxa sabiex tigi kkuntatjata l-Principal ta' l-iskola biex l-Gimgha filghodu jmorru t-tfal ta' l-iskola. Hemmhekk tkun tista' ssir lilhom prezentazzjoni u show ghat-tfal. Is-Sindku kompla jghid li jekk ma jkunx hemm qbil min-naha tal-kullegg naraw li minn tal-inqas jigu ta' l-iskola primarja. Pero' wiehed irid l-ewwel jara x'risposta jkun hemm. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Ghal gurnata tas-Sibt u tal-Hadd il-festival jinfetah ghall-pubbliku in generali. Gie spjegat li peress li d-domanda hija wahda kbira, kienu gew ikkuntatjati tal-booking online fejn il-Kunsill kien gie mitlub ihallas 5% u VAT fuq kull ticket li jinbieh. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Gie mistoqsi kif ser ikun il-booking. Gie spjegat li peress li d-domanda hija kbira huwa kkalkulata li jitilghu numru ta' persuni f'kull siegha.

Bhala entertainment gie spjegat li jrid ikun hemm xi haga sabiex waqt li n-nies ikunu qed jistennew ikun ghaddej xi haga u fl-istess waqt ikun provdut anke ikel u xorb. Is-Sindku zied jghid li l-Kumitat tal-Festa kien avvicina lill-Kunsill fejn talab li jigi inkluz fl-attivita' ghar-raguni li fl-istess weekend huma kellhom ikla ta' fund raising u ghalhekk talbu sabiex issir fuq il-post. Min-naha tieghu s-Sindku ssugerixxa li ghandha ssir laqgha ma' NGO's lokali sabiex jekk jixtiequ jkunu jistghu jinvolvu ruhhom fejn jidhol l-ikel u xorb ghal bejgh waqt l-attivita'. Emanuel Muscat issugerixxa li dawn jistghu jkunu prezenti ukoll jekk jigu ta' l-iskejjel filghodu almenu bhala xorb.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Il-Kunsill qabel li ghandu jigi provdut entertainment bhala zona tat-tfal b'karattri ghalihom, car modelling u daqq minn bands kif ukoll l-NGO's jekk jaqblu jipprovdu l-ikel u xorb.

Is-Sindku ssugerixxa ukoll li Triq Tumas Cassar bejn Triq il-Vizitazzjoni u Triq Karmni Grima tinghalaq ghat-traffiku. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Il-Vici Sindku staqsiet dwar x'prezz ser jintalab. Is-Sindku ssugerixxa li jkun ta' €25 kbar u €8 lit-tfal sa 16-il sena. Kienet diskussa l-prijorita' li ghandha tinghata lir-residenti ta' l-Gharb fejn fost ohrajn gie diskuss dwar kif jista' jsir il-booking. Il-Kunsill qabel li l-booking ghar-residenti ghandu jinfetah gurnata qabel u r-residenti jigu personalment il-Kunsill Lokali u jhallsu l-ufficju.

87.3.2 Emanuel Muscat qal li kellu talba minghand residenti sabiex issir mera fi Triq Frangisk Portelli. Giet diskussa din it-talba fejn Emanuel Muscat kellu jindika ezatt fejn ir-residenti kienu qed jitolbu li tehel sabiex tkun tista' ssir it-talba lit-Transport Malta.

87.3.3 Gie spjegat li saret talba ghal Sqaq Numru 3, fi Triq Frangisk Portelli sabiex issir ir-rampa ta' dan l-isqaq. Din it-talba ghandha tghaddi lill-Ministeru ghal Ghawdex biex ikun esegwit ix-xoghol min-naha taghhom peress li dik hija triq arterjali.

**87.4** Il-laqgha spiccat fil-12.29pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv